MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

*Local Councils Department*

LCD 13/1994/VI

23 ta' Novembru 1999

Lis-Sindki u s-Segretarji
Kunsill Lokali

**Memo 80/1999**

**TALBIET GĦAL ĦLAS LURA TA' SPEJJEZ**

Inħasset il-ħtieġa li tiġi mfakkra l-proċedura li għandha tittieħed sabiex jingħata ħlas lura ta' spejjez lli jkunu saru minn Kunsilliera u minn impjegati tal-Kunsill.

Regolament 27 ta' l-Avviz Legali 155 ta' l-1993 jipprovdi kif ġej:-

" **27.** (1) It-talbiet kollha għall-ħlas lura ta' pagamenti li jkunu saru minn Kunsillieri u minn impjegati matul il-qadi tad-dmirijiet tagħhom tal-Kunsill għandhom isiru, u għandhom ikunu ċertifikati mis-Segretarju, fuq il-formula xierqa skond il-Proċeduri Finanzjarji.

(2) It-talbiet kollha għal ħlas lura mill-Kunsillieri u mill-impjegati għandhom jingħataw lis-Segretarju mhux iktar tard minn ħamest ijiem li jagħlaq ix-xahar finanzjarju li matulu tkun saret l-ispiza.

(3) Qabel ma titħallas, kull talba għandha tkun verifikata u ċertifikata mis-Segretarju u wara tkun approvata mill-Kunsill u iffirmata, skond il-paragrafu (1) ta' l-ordni 32 ta' l-Ordnijiet Permanenti li hemm fis-Sitt Skeda li tinsab ma' l-Att.

(4) Iċ-ċertifikazzjoni mis-Segretarju tkun tfisser li hu jkun sodisfatt li l-ispiza tkun saret b'mod xieraq u neċessarju u li t-talba għandha b'mod xieraq titħallas."

Il-Proċeduri imsemmija hawn fuq jirreferu għal paragrafu P1.12 tal-Proċeduri l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) (KLP 1/96)

CHATEAU DE LA VILLE, 21, TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904

Dan iċ-ċirkulari qed toħrog in vista tal-fatt illi xi Kunsilli Lokali, skond informazzjoni li għandu dan id-Dipartiment, qed jaddottaw sistema ta' ħlasijiet mhux konformi ma' dak li tipprovdi l-liġi.

Għal darb'oħra, is-Segretarju qiegħed jiġi mfakkar li bħala l-kap finanzjarju tal-Kunsilli Lokali fid-dmir li jara li l-proċeduri finanzjarji kollha jiġu segwiti.

Victor J Rizzo
Direttur (Kunsilli Lokali)

Kopji: Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ġustizzja u Gvern Lokali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Kunsilli Lokali (Malta)
Awditur Ġenerali